MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) DISTRETT - RABAT (GHAWDEX)

**MAGISTRAT DR.**
**GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2002

Numru. 203/96
Kawza Numru. 14

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

- **vs -**

**Joseph Buttigieg ta' 51 sena bin il-mejjet Emanuel u Marija nee` Mercieca li joqghod Nru 52A, Triq Gorf, Xaghra, Ghawdex**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 69744 G)**
**u**
**Carmen Buttigieg ta' 51 sena mart Joseph bint il-mejjet Emmanuel Attard u Helen nee` Zammit u li toqghod Nru 52A, Triq Gorf, Xaghra, Ghawdex**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 93950 G)**
**u**
**Alan Buttigieg ta' 22 sena iben Joseph u Carmen nee` Buttigieg u li joqghod Nru 52A, Triq Gorf, Xaghra, Ghawdex**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 510373 M).**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati akkuzati talli fil-5 ta' Gunju 1996 ghall-habta tas-5:45p.m. fi Triq Gorf, Xaghra, (1) volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied (2) hebbew ghal Raymond Mifsud u ommu Rita Mifsud, (3) ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Raymond Mifsud kif iccertifika t-Tabib Dr Jean Paul Giorgio M.D. (4) Joseph Buttigieg akkkuzat ukoll talli qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku, (5) qabad strument bil-ponta (turnavit) ghal Raymond Mifsud, (6) Joseph Buttigieg akkuzat ukoll talli permezz ta' strumnent li jaqta' u bil-ponta (sikkina) ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Rita Mifsud skond ic-certifikat ta' Dr Jean Paul Giorgio M.D., (7) garr l-istess strument bil-ponta u jaqta' (sikkina) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, (8) ghamel hsara f'nuccali u kamera tar-ritratti ghad-detriment ta' Raymond Mifsud liema hsara tammonta ghal erbgha u erbghin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm44.50c).

Il-Qorti hija gentilment mitluba tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9.

Semghet il-provi;

Ghall-mottivi kif moghtija fil-kawza "Il-Pulizija -vs- Rita Mifsud et", deciza llum stess minn din il-Qorti kif preseduta, ma ssibx lill-imputati hatja u tilliberahom.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur